# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Novembru 2000.**

**Numru 50**

**Citaz. numru 1056/92 DS**

Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti f'Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc-surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Muscats Motors Limited, u b'nota tat-28 ta' Gunju 1994 Dr. Joseph Zammit McKeon assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tas-socjeta` attrici minflok Noel Ellul, u b'nota ta' l-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha s-socjeta` Muscats Motors Limited assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.

vs

Commendatore Silvio Mifsud u Adrian Mifsud bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` S. Mifsud & Sons Ltd agenti Malta ta' 1921 Ignazio Messina & C.S. p.a. armaturi tal-vapur BAZIAS 3,

u

Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited

Illum, 2 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Awissu 1992 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' Muscats Motors Limited importat mill-Italja sbatax (17) il-vettura tal-marka Alpha Romeo 33 li gew trasportati lejn Malta fuq il-vapur BAZIAG 3 kif jirrizulta mill-annessa polza ta' kariku markata Dok. 1;

Illi wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fit-13 ta' Awissu 1991, meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi fuq imsemmija, irrizulta li kien hemm in-nuqqas u hsara li hemm elenkati fis-Schedule tal-Information Form tal-Institute of London Underwriters datata 26 ta' Awissu 1991 anness u markat bhala Dok. 2;

Illi ghal dan in-nuqqas u hsara l-assikurazzjoni attrici kif obbligata, hallset is-somma ta' sitt mija erbgha u sebghin lira ghaxar centezmi (Lm674.10) li minnhom tmienja u sittin lira (Lm 68) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici kif jirrizulta mill-annessi surrogi datati 10 ta' Ottubru 1991 u markata Dok. 3 u Dok. 4;

Illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom, huma rersponsabbli ghall-imsemmi nuqqas u hsara;

talab lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq riferiti;

2. Tikkundannhom, jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' sitt mija erbgha u sebghin lira ghaxar centezmi (Lm674.10) li minnhom tmienja u sittin lira (Lm68) kienu survey fees in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-interessi mill-10 ta' Ottubru 1991 fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mifsud nomine fejn qalu:

1. Illi id-domandi attrici huma ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li huma ma humiex responsabbli ghall-allegati hsarat billi l-inkarigu tal-esponenti nomine kien li jgorru l-karrozzi mill-port tal-karigu ghall-Malta, liema obbligu l-esponenti nomine adempew diligitament, tant li meta nizlu minn abbord waslu intatti, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd., m'hija bl-ebda mod risponsabbli ghall-allegati danni fil-merkanzija "de quo"

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall premess ghandu jigi ppruvat l-allegata surroga.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess l-allegati danni huma ghall-kollox esagerati.

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha ssir prova kif, meta u minn min sar l-allegat hlas ta' l-allegati danni.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta dwar kawza ta' danni (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta t'April, 1992 – Citaz. Nru. 112/86 Dr Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud, Godwin Abela u John Cavallo).

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees allegati, ma jistghux jigu riklamati stante li m'hemmx danni ta' l-assigurat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, l-konvenut Godwin Abela nomine m'hux risponsabbli ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala "units" u tinghata biss ricevuta bhala tali "units".

2. Illi ai termini tal-Artikolu 6 (3) (a) (v) tal-Port Ordinance, 1962 la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala "units" dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta konvenuta minn kull risponsabbilita.

3. Illi wkoll a bazi tal-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966, l-importatur jaf li tali merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhux risponsabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-7 ta' Dicembru 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhomx'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minu mahlufa fit-12 ta' Mejju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet ta' l-attur nomine u tal-konvenuti Mifsud nomine, kif ukoll id-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` Muscats Motors Ltd importat 17-il karrozza Alfa Romeo li waslu Malta fit-13 ta' Awissu 1991 fuq il-vapur Bazias 3. Ma hemm l-ebda prova li meta tghabbew fuq il-vapur kellhom xi hsara jew nuqqasijiet. Difatti jirrizulta "a clean bill of lading". Inoltre jirrizulta wkoll li tnizzlu Malta fl-istess kondizzjoni. Ghal dak il-mument fokali huwa importanti t-"tally sheet" li normalment isir minn rapprezentant ta' l-armatur u rapprezentant tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. Il-

Qorti hawn tirreferi ghall-verbal li sar waqt is-seduta peritali tat-3 ta' Gunju 1994 fejn il-konvenuti ddikjaraw li "jaqblu li skond il-Joint Tally Sheets taghhom datati 13 ta' Awissu 1991 il-vetturi meritu tal-kawza nizlu intatti". Fil-fehma tal-Qorti, u kif tajjeb ukoll osserva l-perit legali, dan jezimi lis-socjeta` konvenuta S. Mifsud & Sons Ltd. minn kull responsabbilta`.

Meta l-karrozzi tnizzlu minn fuq il-vapur, ghaddew taht il-kustodja tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. Meta gew rilaxxati nstab li kien hemm diversi nuqqasijiet. Dwar dan xehed Noel Ellul fis-seduta peritali tat-3 ta' Gunju 1994. Huwa qal:

> *"Jiena kont Marine Claims Executive mad-ditta attrici. Fit-13 ta' Awissu 1991 Joe Catania rapprezentant tad-ditta Muscats Motors Limited, kumpanija assikurata mad-ditta attrici, avzana li kienu se johorgu 17-il vettura tal-marka Alfa minn gewwa Laboratory Wharf. Fil-21 ta' Awissu 1991 flimkien ma' Jean Claude Chetcuti, impjegat mal-istess ditta attrici, u Joe Catania, inzilna Laboratory Wharf fejn ahna ezaminajna l-karrozzi wahda wahda minn gewwa u minn barra, u sibna nuqqasijiet u hsarat kif inhuma elenkati f'Dok. 2 a fol. 7 tal-process. Wara li kkonstatajt, flimkien man-nies imsemmija, il-hsarat u nuqqasijiet tlajt ghand id-delivery clerk tal-Cargo Handling Co. Ltd. flimkien ma' Sandro Bugeja u Jean Claude Chetcuti biex nghidulu fuq dak li sibna fil-karrozzi. Id-delivery clerk qalilna li hu jista' jaghmel rimarki kif inhuma fuq it-tally sheet meta l-merkanzija tinzel fuq il-vapur F'dan il-kaz nizzel rimarki li hemm fuq id-dokument li qed nesebixxi bhala Dok. NE1 li hu l-gate pass-out.*
>
> *Ir-rimarki li kelna fuq il-Gate Pass-Out ma kinux kollha jaqblu ma' dak li sibna ahna fizikament. Fil-fatt, fuq il-Gate Pass-Out tnizzlet ir-rimarka 17 Badges missing, meta ahna kull ma kelna nieqes kienu erbgha. Id-delivery clerk ma riedx inizzel ir-rimarki ezatti kif sibnihom ahna waqt is-survey….*
>
> *Mistoqsi ghaliex iffirmajna l-Gate Pass-Out meta konnanafu li kien hemm diskrepanzi, nghid li ahna staqsejnieh inizzel biss dak li sibna waqt is-survey u ghidnilu dak id-diskors, izda hu ma riedx. Ahna iffirmajna ghax inkella l-karrozzi ma johorgux u nzidu c-charges u naghtu lok ghal aktar nuqqasijiet".*

Fis-seduta peritali ta' l-10 ta' Jannar 1997 Noel Ellul kompla spjega li filwaqt li fil-Gate Pass-Out tnizzlu 17-il hub cap kienu naqqsu tnejn biss u ghalkemm tnizzlu 17-il badge nieqsa kienu naqqsu biss erbgha. In-nuqqasijiet l-ohra li gew riskontrati ma tnizzlux.

Fis-seduta peritali tat-18 ta' Ottubru 1996 xehed Joseph Catania li kkonferma n-nuqqasijiet rizultanti mill-ispezzjoni li saret qabel ma nhargu l-karrozzi.

Il-prova tal-"gate pass-out" (id-dokument li s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. tistrieh fuqu) hija prova *juris tantum* li tista' tigi ribattuta mill-kontro-parti. U fil-kaz in ezami l-Qorti ma ghandha l-ebda diffikolta` tistqarr li s-socjeta` attrici ghamlet dan u l-"gate pass-out" in kwistjoni jista' jigi skartat kompletament ghax ma jistax jitqies attendibbli fil-kaz in ezami. Huwa ferm aktar attendibbli s-survey akkurat li sar mis-socjeta` attrici. Ix-xiehda ta' Noel Ellul inoltre ma giet bl-ebda mod kontradetta. Ta' min ighid ukoll li dan mhux l-ewwel kaz li rriskontrat il-Qorti fejn id-delivery clerk ta' l-imsemmija socjeta` konvenuta jirrifjuta li jnizzel id-dettalji precizi tal-hsarat u nuqqasijiet li jkunu gew riskontrati f'merkanzija li tkun se tinhareg mill-importaturi minn taht il-kustodja ta' l-imsemmija socjeta` konvenuta. Bizzejjed tirreferi ghas-sentenza kkwotata mill-attur nomine fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, u cioe` dik tas-16 ta' April 1999 moghtija mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dottor Robert Staines noe vs James Gollcher et noe" (Citaz. 774/92). Ghalhekk ghall-hsara u nuqqasijiet rizultanti ghandha taghmel tajjeb is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. li l-ewwel eccezzjoni taghha hi b'hekk michuda.

Fit-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta msemmija qed issostni li d-danni huma esagerati. Jinghad li dwar dan ma ressqet l-ebda prova. Issa s-socjeta` attrici qed titlob b'kollox Lm674.10, kwantu ghal Lm606.10 ghall-hsarat u nuqqasijiet u kwantu ghal Lm68 survey fees. Fost il-hsarat hemm inkluzi Lm45 ghal "dent on bonnet". Kif korrettement osserva l-perit legali, dan id-"dent" ma giex riskontrat waqt is-survey izda zmien wara meta l-karrozza kienet qed tinhasel biex tinbiegh. Meta wiehed iqis il-mod metikoluz kif sar is-survey, nonostante li l-vetturi kellhom kisja ta' "wax", ma jistax jigi accettat li certi nuqqasijiet li jigu riskontrati wara, jizdiedu wkoll sakemm l-importatur ma jipprovax li l-hsara jew nuqqas ilmentat ma sehhx jew ma setax isehh meta l-merkanzija kienet fil-kustodja tieghu. F'dan il-kaz partikolari ghalhekk trid titnaqqas is-somma ta' Lm45 mis-somma pretiza.

Il-Qorti se tghaddi issa biex tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati:

It-tieni eccezzjoni: Is-"subrogation forms" gew esebiti mac-citazzjoni bhala Dok. 3 u Dok. 4 (a fol. 8 u 9) u ghalhekk, apparti li din l-eccezzjoni nghatat inutilment, saret il-prova relattiva tas-surroga. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ir-raba' eccezzjoni: Is-"subrogation forms" huma evidenza bizzejjed tal-pagamenti li saru (Prim'Awla, "Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Joseph Apps noe", 27 ta' Marzu 1998; Prim'Awla, "Dr. Joseph Zammit McKeon et noe vs Silvio Mifsud et", 16 ta' April 1999). Din l-eccezzjoni hi b'hekk michuda.

Il-hames eccezzjoni tirrigwarda d-data minn meta ghandu jiddekorri l-imghax. Fic-citazzjoni qed jintalab il-hlas ta' somma specifika. L-imghax ghandu ghalhekk jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Is-sitt eccezzjoni: Din tirrigwarda s-"survey fees". Sabiex tingieb xiehda tajba dwar il-hsara u nuqqasijiet riskontrati kien xieraq li jsir "survey". Il-htiega ghas-"survey" u ghall-ispejjez taghha qamet ghax saret il-hsara u ghalhekk min jahti ghall-hsara ghandu jhallas ukoll l-ispejjez mehtiega biex ikun maghruf kemm hija l-hsara. Inoltre ghalkemm is-socjeta` attrici ma gietx formalment surrogata fid-drittijiet tal-importatur rigward dawn id-drittijiet (difatti mid-Dok. 3 u 4 a fol. 8 u 9 jirrizulta li s-surroga saret fir-rigward tas-somma komplessiva ta' Lm606.10), dawn kienu dovuti lilha u "ghalhekk kien hemm tpacija bejn id-debitu tal-importatur ghal dawn l-ispejjez u l-kreditu tieghu ghalihom in forza tal-kuntratt ta' assikurazzjoni" (Noel Ellul noe vs Comm. Silvio Mifsud et noe et, deciz fl-24 ta' Gunju 1996, Citaz. 929/92 JDC). Konsegwentement din is-somma hija dovuta.

Fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fl-4 ta' Novembru 1994 giet eccepita n-nuqqas ta' responsabbilta' a bazi tar-Regolamenti 70 u 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966 u l-artikolu 6(3)(a)(v) tal-Ports Ordinance 1962.

Dwar ir-Regolament 70 jirrizulta li dan ir-regolament ighid biss kif ghandhom jinhargu l-ircevuti u ma jghid xejn dwar helsien minn responsabbilta'. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tghoddx ghall-kaz prezenti.

Dwar ir-Regolament 90, issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe**:

*"Ir-regolament ma jipprovdix ghar-relazzjoni tal-Cargo Handling u l-importatur, imma jipprovdi ghar-relazzjoni tas-Sovrintendent ma' min jircievi l-ordni ta' l-istess Sovrintendent .... Il-Cargo Handling ghandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li gejjin mill-funzjonijiet u l-attivitajiet li gew akkordati lilha, u fost dawn l-obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija li ma tistax tinhazen, u jkollha zzomm fil-berah, trid thares l-istess merkanzija minn kull hsara li tista' tigrilha minhabba dan il-fatt".*

Dwar l-artikolu 6(3) tal-Ports Ordinance diga' gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 1996 fil-kawza fl-ismijiet Dr. Joseph Zammit McKeon noe vs David Jones et noe et" (Vol. LXXX.iii.1312) li dak l-artikolu m'ghandux iwassal ghal interpretazzjoni li jfisser li d-Direttur tal-Portijiet jew il-kuntrattur tieghu ma huwa qatt responsabbli u li m'ghandhomx japplikaw il-principji tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuti Godwin Abela et nomine huma wkoll michuda. Konsegwentement it-talbiet attrici huma gustifikati.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti Mifsud nomine u ghalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif intqal fil-konfront tal-konvenut Godwin Abela nomine, u

(1) tiddikjara lill-konvenut Godwin Abela nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat sofferti,

(2) tikkundanna lill-istess konvenut Godwin Abela nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm629.10, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenut Godwin Abela nomine salv dawk tal-konvenuti Mifsud nomine li jithallsu mill-attur nomine.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**